Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru: 367/2015

**Avukat Simon Busuttil**

**Vs**

**Dr Joseph Muscat bħala Mexxej u l-Avukat Lydia Abela bħala Segretarja Eżekuttiva lkoll in rapprezentanza tal-Partit Laburista**

It-Tnejn, 2 ta' Lulju, 2018.

1. L-attur ħarrek lill-Partit Laburista għall-malafama talli fis-7 ta' Diċembru, 2015 ħareg stqarrija li taqra:

   *"Simon Busuttil għażel ix-xufier tiegħu, l-iktar persuna li suppost jafda, u allura huwa responsabbli ta' error of judgment serju.*

   *Erbgħa u għoxrin siegħa wara li wera d-dokument li jitlob titjib fl-istandards pubbliċi, Simon Busuttil inqabad f'każ serju ta' frodi ta' fondi pubbliċi, liema każ ilu jaf bih għal numru ta' jiem. L-uniċi fondi pubbliċi li Busuttil kien responsabbli għalihom.*

   *Kieku l-każ kien bil-maqlub, Busuttil diġa qed jitlob ir-riżenja tal-politiku nvolut.*

   *Id-diskors dwar standards għall-politiċi radmu fl-iktar każ serju li persuna li tokkupa kariga istituzzjonali ta' Kap tal-Opposizzjoni qatt kellha.*

   *Bil-kejl tiegħu Busuttil għandu jġorr responsabbilta' politika sħiħa"*.

2. Il-konvenuti *nomine* argumentaw li dak li ġie ppubblikat mhu xejn għajr kritika politika ta' persunaġġ politiku, fi kwistjoni fid-dominju pubbliku, u aċċettabbli f'soċjeta demokratika. Komplew li l-kritika hi għar-responsabbilta politika tal-attur b'argument u tattribwilu *error of judgment*. L-attur kellu l-mezzi sabiex jikkontradici jew jispjega l-fatti li ma kienx jaqbel magħhom.

3. Il-Qorti tal-Maġistrati ċaħdet it-talba tal-attur. Fil-meritu r-raġuni li tat, wara li għamlet riferenza għall-provi u ġurisprudenza dwar is-suġġett, hi:

   *"Tenut kont tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmulha, il-Qorti tosserva illi, fil-mument illi saret l-Istqarrija meritu tal-kawza odjerna, ossija fis 7 ta' Dicembru 2015, il-fatti illi abbazi taghhom giet imsejsa l-Istqarrija kienu sostanzjalment korretti, peress illi kien qieghed jigi akkuzat mill-Ufficcju ta' l-Ispeaker tal-Kamra tar-Rappresentanti, illi seta kien hemm tbaghbis fil-kilometragg tal-vettura fil-pussess tar-rikorrent jew inkella il-fuel allowance illi kien qieghed jigi lilu moghti kien qieghed jintuza hazin.*

   *Jirrizulta illi ghalkemm ir-rikorrent seta hassu malafamat bl-akkuzi illi kienu qed isiru kontra tieghu, liema akkuzi, finalment, gew ippruvati lkoll inveritjeri, dawna l-akkuzi kienu bbazati fuq il-fatti illi kienu dak iz-zmien accessibbli u kienu indirizzati lejn persuna*

*illi ghandu jkun lest illi jigi kkritikat, anke b'mod ahrax u okkazzjonalment b'mod ingust, peress illi huwa involut fil-politika, liema politiku huwa soggett ghal l-oghla livell ta' skrutinju u kritika da' parte ta' kullhadd, inkluz il-Partit Laburista, illi naturalment, dak il-hin, kif ra l-istorja tizviluppa opportunament l-ghada illi r-rikorrent kien nieda dokument fuq il-good governance, ha l-ispunt minn tali ahbar biex jiskredita politikament lir-rikorrent w il-Partit tieghu.*

*Il-Qorti tosserva wkoll illi r-rikorrent kellu kull opportunita' illi jirribatti ghall-allegazzjonijiet illi kienu saru mill-Partit Laburista, u di fatti saru Stqarrijiet kemm hekk kif harget l-ahbar kif ukoll meta sar maghruf l-ezitu tal-Inkjesta.*

*Ghalhekk, il-Qorti tqis illi ma kien hemm xejn malafamanti fil-kontenut tal-Istqarrija mahruga mill-Partit Laburista fis-7 ta' Dicembru 2015 peress illi kien ibbazat fuq fatti illi, dak iz-zmien, kienu sostanzjalment korretti u dak hemm kontenut kellu jitqies bhala kumment politiku b'kummenti gusti ghalkemm iebsin fil-konfront tar-rikorrenti, liema kummenti ghandhom jitqiesu bhala gust fl-ambitu tal-legislazzjoni w gurisprudenza nostrana u estera".*

4. Fl-1 ta' Novembru, 2017 l-appellant appella mis-sentenza. L-aggravji huma:
*"1. Li l-Ewwel Onorabbli Qorti waslet għall-konklużjoni żbaljata meta rriteniet fis-sentenza appellata li, ".... il-fatti illi abbażi tagħhom ġiet imsejsa l-istqarrija kienu sostanzjalment korretti" stante li d-dikjarazzjoni fl-istqarrija kkontestata li ".... Simon Busuttil inqabad f'każ serju ta' frodi ta' fondi pubbliċi...." hija kompletament inveritjiera u fabbrikata u ma ġietx ippruvata la qabel infetħu l-proċeduri odjerni, la tul il-kors tagħhom u wisq anqas wara s-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti, proprju għaliex din hija gidba pubblikata mill-appellati li permezz tagħha l-appellant gie defamat u danneġġat.*

*2. Li l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset milli tieħu in konsiderazzjoni u tuża l-kejl applikabbli għall-istatements of fact li ġew pubblikat fl-istqarrija kontestata, stante li l-kejl idoneju kellu jkun dak tal-verita' tal-fatti, liema verita ma ġietx stabbilita mid-difiża, li anzi a contrario, irrikonoxxiet diversi drabi l-fatt li l-kliem ".... Simon Busuttil inqabad f'każ serju ta' frodi ta' fondi pubbliċi...." qatt ma kellhom jiġu ppubblikati – dan proprju għaliex ma kien hemm l-ebda verita' f'din l-allegazzjoni mgħoddija bħala fatt lill-qarrej ordinarju.*

*3. Li l-Ewwel Onorabbli Qorti żbaljatament ikkunsidrat li a bażi tal-fatti li kienu dak iż-żmien aċċessibbli, l-appellati setgħu jaslu għall-konklużjoni fattwali li "Simon Busuttil inqabad f'każ serju ta' frodi ta' fondi pubbliċi..." stante li din il-konklużjoni kienet waħda kompletatament estrapolata mill-fatti li kienu verament ħarġu fiż-żmien meta ġiet ippubblikata l-istqarrija in kwistjoni u wasslet lill-qarrej ordinarju għall-konklużjoni qabel biss kien beda jiġi investigat il-każ".*

5. Il-qorti qrat l-atti.

6. Fid-data tal-istqarrija l-attur kien il-Kap tal-Opposizzjoni. M'hemmx dubju li f'dik il-kariga hu mistenni li jkun hemm kritika mill-avversarju. Min jokkupa kariga bhal dik ghandu bilfors jittollera livel ta' kritika li jkun iktar iebes.

7. Ligi ta' malafama ghandha sservi biex tipprotegi lill-persuna kontra dikjarazzjonijiet foloz li jaghmlu hsara lir-reputazzjoni tal-persuna.

8. F'dan il-każ l-awtur tal-istqarrija jidher li kien mitluf fid-dagħdija tal-partiġġaniżmu li sfortunatament toħnoq lil dan il-pajjiż. Fl-istqarrija jinghad li, ***"Simon Busuttil inqabad f'każ serju ta' frodi ta' fondi pubbliċi, liema każ ilu jaf bih għal numru ta' jiem"***. Mill-provi hu car daqs il-kristall li:
   i. L-attur ma *'nqabad'* fl-ebda każ ta' frodi ta' fondi pubbliċi, la direttament jew indirettament.

   ii. Meta l-Partit Laburista ppubblika l-istqarrija kien ghad hemm biss inkjesta maġisterjali għaddejja, li nfetħet wara rapport li l-Ispeaker tal-Kamra tar-Rapprezentanti agħmel lill-pulizija dwar konsum ta' *fuel* fil-vettura tal-Kap tal-Opposizzjoni. Inkjesta li nfethet mill-Magistrat Inkwirent fuq rapport tal-pulizija tal-4 ta' Dicembru, 2015. Ghalhekk fid-data li nharget l-istqarrija, il-kaz kien soggett ghall-inkjesta magisterjali. B'daqshekk ma kienx ifisser li seħħ frodi ta' fondi pubbliċi. Fil-fatt xhur wara l-Maġistrat Inkwirenti kkonkludiet li kien ġie stabbilit li ma kienx hemm "*dolo minn terzi jew wisq anqas minn …….*", u l-każ ingħalaq. L-eżitu tal-inkjesta hi l-aqwa certifikat li l-istqarrija tal-Partit Laburista ma kienet xejn għajr kastell tar-ramel.

9. F'dik l-istqarrija il-Partit Laburista għamilha fatta li kien hemm każ ta', *"frodi ta' fondi pubbliċi"*. Dik m'hijiex opinjoni iżda dikjarazzjoni ta' fatt. Każ ċar li għalih tapplika l-espressjoni Ingliża, *to put the cart before the horse*. Għaldaqstant, il-qorti ma taqbilx mal-ewwel qorti li l-istqarrija fiha fatti li, *'sostanzjalment korretti'*. Dan iktar u iktar meta fl-istqarrija l-Partit Laburista ma semmiex li sa dak iz-zmien ma kien hemm xejn ċert u l-każ kien għadu qiegħed jiġi investigat. Stqarrija bhal dik turi li ghadna 'l boghod minn dak il-livell ta' politika li tixraq f'demokrazija, fejn fil-kritika tal-avversarju wiehed ikun genwin u fidil lejn l-fatti.

10. Ovvjament l-istqarrija saret sabiex titqassam lill-*media* lokali. Pero' m'huwiex maghruf kif giet imxandra ghaliex l-attur ma pprezentax estratti minn gazzetti lokali li l-qorti tifhem li fihom saret riferenza ghaliha. Prova li l-qorti tqies li kienet tkun rilevanti għal finijet ta' dawn il-proċeduri.

11. Jekk wiehed jaqra biss parti mill-istqarrija jasal ghall-konkluzjoni li saret malafama lill-attur f'dik il-parti fejn jinghad:
    *"….. Simon Busuttil **<u>inqabad</u>** f'kaz serju ta' frodi ta' fondi pubblici, liema kaz ilu jaf bih ghal numru ta' jiem. L-unici fondi pubblici li Busuttil kien responsabbli ghalihom…..*

    *Id-diskors dwar standards ghall-politici radmu **<u>fl-iktar kaz serju</u> li persuna li tokkupa kariga istituzzjonali ta' Kap tal-Opposizzjoni qatt kellha**"* (enfazi u sottolinejar tal-qorti).

12. Pero meta taqra l-istqarrija kollha tinduna li l-Partit Laburista ma kienx qiegħed igħid li l-attur kien wettaq jew kien kompliċi fi, *'frodi ta' fondi pubbliċi'*. Tant hu hekk li:

    i. It-titlu jaqra: *"Bil-kejl tiegħu Busuttil* ***għandu jġorr responsabbilta' politika sħiħa****"*. Kieku l-Partit Laburista b'dik l-istqarrija ried jaghti l-messagg li l-attur kien ikkommetta frodi, ma kienx jillimita ruħu biex igħid li għandu *"jġorr responsabbilta politika sħiħa"*.

    ii. Fl-ewwel sentenza jingħad li Simon Busuttil kien, *"responsabbli ta' error of judgment serju"* għal dak li jirrigwarda l-persuna li agħżel biex ikun ix-xufier tiegħu. Ghalhekk sa mill-bidunett tal-istqarrija hu evidenti li l-persuna mplikata kienet ix-xufier tal-attur, u l-Partit Laburista kien tal-fehma li dan kien kaz ta' *'error of judgment'* min-naha tal-Kap tal-Opposizzjoni peress li aghzel lil dik il-persuna partikolari biex ikun ix-xufier tieghu.

    iii. L-aħħar sentenza tal-istqarrija taqra, *"Bil-kejl tiegħu Busuttil għandu jġorr responsabbilta' politika sħiħa"*. Ovvjament il-messaġġ hu li l-attur kellu jirriżenja minn Kap tal-Opposizzjoni. It-ton kien ikun ferm differenti kieku kif qal l-attur, il-Partit Laburista kien qieghed jattribwixxi agir kriminali lilu (ara fol. 4 tar-rikors tal-appell).

13. Il-qorti tkompli ssahhah il-fehma taghha mill-fatt li fl-istqarrija jinghad ukoll, ***"liema każ ilu jaf bih għal numru ta' jiem"***. Kliem li anzi jagħtu lill-qarrej x'jifhem li l-attur ma kienx direttament involut fil-każ. Il-qorti hi tal-fehma li dan kellu jkun car ghall-qarrej li jaqra l-istqarrija kollha.

14. Sabiex jigi determinat jekk saritx malafama, il-qorti trid tezamina l-istqarrija kollha u mhux tibbaza d-decizjoni biss fuq il-kliem *"Simon Busuttil inqabad f'każ serju ta' frodi ta' fondi pubbliċi"*. Ghaldaqstant, dik il-parti tal-istqarrija wasslet lill-attur biex jipproponi dawn il-proceduri (ara l-parti tal-affidavit tal-attur bit-titlu, *"Dwar l-istqarrija")* trid tigi kkunsidrata fil-kuntest tal-istqarrija kollha.

15. Mehud in konsiderazzjoni dak li nghad hawn fuq, il-qorti tikkonkludi li m'hemmx bażi biex jintlaqa' l-appell tal-attur.

**Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra l-attur**.

Anthony Ellul.